MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2001

Citazzjoni Numru. 1733/2000/1

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**DELTA DEVELOPMENT COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjoni msemmija f'zewg kuntratti datati 29 ta' Dicembru 1992 u 28 t'April, 1993 fl-atti Nutar Dottor Antoine Agius (Dok "A" u Dok "B"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facility" lis-socjeta' konvenuta Delta Development Company Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Delta Development Company Limited fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm27,224.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' Delta Development Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 u C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D", sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-socjeta' Delta Development Company Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm27,224.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' Delta Development Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 u C2") flimkien mal-

imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju, 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' Delta Development Company Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm27,224.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' Delta Development Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 u C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 2000, kontra s-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------